Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland

Fratt iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| Seduta | 14/13 | tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 |
| Data | 18/12/13 ~~14/11/2013~~ fis-6.30pm | |
| Post | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |

| Attendenza | | |
|---|---|---|
| | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | Amanda Abela | Preżenti |
| | Joan Agius | Preżenti |
| | Claude Camilleri | Preżenti |
| | Raymond Caruana | Preżenti sat-7.40pm |
| | Sean Chircop | Preżenti |
| | Stephania Fenech | Preżenti mis-6.50pm |
| | Joseph Hales | Preżenti |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**14. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 14. 1. 1 | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Chircop | **Il-minuti 13/13 inqraw u ġew approvati b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| | 13.2.1 | Minflok 'Trejqet il-Litfija' jidħlu l-kliem 'Trejqet l-Obbejra'. | | |
| | 13.10.7 | L-aħħar versi jiġu hekk: 'sabiex titella wirja f'għeluq l-20 sena ta' attivitajiet li wara titella' wkoll fuq il-website'. | | |
| | 13.10.11 | Minflok 'Mużew tal-Knisja' jidħlu l-kliem 'għar-restawr'. | | |
| | 13.10.12 | Minflok 'tal-Pjazza' tidħol 'Ċentru Arti u Artiġjanat' u minflok fis-17 jidħlu numri 24 | | |
| 14. 1. 2 | | **Wara il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**14. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 14. 2 1 | | Sindku: Lista ta' passaġġi | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser tingabar lista tal-passaġġi jew trejqiet li għadhom bla wiċċ fil-Housing Estate ta' San Girgor. | Sindku |
| 14. 2 2 | 13.2.2 | Agius: Kuntrattur Frankie Mifsud | Il-Kunsilliera Agius talbet lill-Kunsill sabiex jibgħat reminder lill-Awtorita tad-Djar dwar l-ammont pendenti li fadallu jieħu s-Sur Frankie Mifsud li dan jammonta għal madwar Eur5,000. | Agius |
| 14. 2 3 | 13.2.3 | Agius: Żebgħa fi Triq President A. Buttiġieġ | Is-Sindku talab li tinkiteb ittra uffiċjali lis-Sur David Vassallo dwar is-sinjali taż-żebgħa sabiex isir dħul minn Triq Pres A. Buttiġieġ għal Triq il-Għadam u dwar żebgħa li ma tkomplitx fi Triq President A. Buttiġieġ. | Sindku |
| 14. 2 4 | 13.2.4 | Hales: Dog Litter Bins | Hales talab lill-Kunsilliera sabiex jissottomettu postijiet fejn jistgħu jitwaħħlu dog litter bins, liema lista ser tiżdied ma' dik tas-Sinjura Frida Camilleri. Il-lista li tingabar, ser titressaq quddiem il-Kunsill. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 14. | 2 | 5 | 13.2.5 | Hales: Kwotazzjoni żbir ta' siġar | Hales informa lill-Kunsill li intefgħet offerta waħda għal żbir ta' siġar. Il-prezz huwa ta' Eur35 għal kull siġra. Hales informa lill-Kunsill li fi Vjal 25 ta' Novembru hemm madwar 140 siġra. | Hales |
| 14. | 2 | 6 | 13.2.7 | Hales: Tneħħija ta' skip minn Triq Marrubja | Hales informa lill-Kunsill li l-iskip ta' Triq Marrubja tneħħiet u r-residenti konċernati ġew avviċinati. Is-Sindku qal li l-iscammel mhux jgħaddi minn Wesgħa 5 ta' Ottubru. Hales qal li dawn ir-residenti għandhom jużaw l-iskip ta' Triq il-Fossa tal-Qamħ. Is-Sindku talab sabiex Wesgħa 5 ta' Ottubru isir ġbir ta' skart bieb bieb. Hales talab sabiex tiżdied ukoll bieb bieb Triq Xatbet l-Andar. Il-Viċi-Sindku rrapurtat lill-Kunsill li l-problema ma ssolvitx għax fejn kien hemm l-iskips hemm skart akkumulat. Is-Sindku spjega li din il-problema tissolva permezz ta' l-eco-wardens. | Hales |
| 14. | 2 | 7 | 13.2.10 | Caruana: Bollard ħdejn l-iskola primarja | Il-Kunsillier Caruana staqsa jekk saritx il-bollard ħdejn l-iskola primarja. Is-Sindku spjega li ser nitkellmu mal-Kap ta' l-Iskola wara l-vaganzi tal-Milied. | Agius |
| 14. | 2 | 8 | 13.2.14 | Hales: Stop sign fi Triq Qalb ta' Ġesu' k/m Triq Mikiel Cachia | Hales informa lill-Kunsill li l-istop sign ta' Triq il-Qalb ta' Gesu kantuniera ma' Triq Mikiel Cachia ser titneħħa fit-tieni ġimgħa ta' Jannar. | Hales |
| 14. | 2 | 9 | 13.2.16 | Fenech: Attivita ta' absailing | Il-Kunsilliera Fenech infurmat lill-Kunsill li l-attivita' absailing saret u niżlu madwar 15 -il sular. | Fenech |
| 14. | 2 | 10 | 13.2.17 | Agius: Żurżieqa fi Ġnien San Girgor | Il-Kunsilliera Agius talbet sabiex tinqala iż-żurżieqa minn Ġnien San Girgor minħabba l-periklu. Is-Sindku spjega li dan ix-xogħol ser isir. | Sindku |
| 14. | 2 | 11 | 13.2.18 | Caruana: Strippi fuq bankina | Is-Sindku spjega li ser nippruvaw insibu strippi adattati mingħand Andrew Vassallo għal fuq il-bankina fi Triq San Girgor k/m Triq Ħabel ix-Xgħir. Is-Sindku informa lill-Kunsill li fl-istess post hemm bżonn li issir mera għal min ikun ħiereġ mill-parkeġġ ta' wara l-knisja. | Sindku |
| 14. | 2 | 12 | 13.2.19 | Agius: Tfal tal-Kids Club | Il-Kunsilliera Agius irrapurtat li dakinhar tal-festival tal-ktieb it-tfal marru tajjeb u reġgħu ġew mistiedna għal attivita oħra. | Agius |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 14. | 2 | 13 | 13.2.20 | Chircop: Stqarrija dwar il-wiċċ tat-toroq | Il-Kunsillier Chircop staqsa jekk l-istqarrija dwar il-wiċċ tat-toroq kinetx saret. Is-Sindku spjega li l-istqarrija fuq il-website għandha tkun kif ġej: It-toroq distributorji minkejja li l-liġi tgħid li huma responsabilta' tal-Kunsill, dan jgħodd biss għal manutenzjoni. Il-liġi tgħid ukoll li meta jkunu 75% fi stat ħażin, dawn jaqgħu taħt ir-responsabilta' konkreta tal-Gvern Ċentrali. Aktar minn hekk dawn it-toroq ilhom li saru madwar 25 jew 30 sena ilu u l-Kunsill qatt ma rċieva fondi biex jibnihom mill-ġdid. It-toroq distributorji huma minn Bir id-Deheb għal Triq il-Labour, Triq Alfred Cachia Zammit u Triq Bormla, Triq Ħal Tarxien, Triq Arċipriet Degabriele, Triq Xrobb l-Għaġin u parti minn Triq Daħla ta' San Tumas minn Ġnien tal-kmandant safejn il-flats ta' Ħal Tmiem. Triq il-Presdient Anton Buttiġieġ iżda f'Settembru li għadda, il-Ministru responsabbli mit-toroq Joe Mizzi għoġbu jagħti wiċċ ġdid lill-partijiet li kienu sfrundaw. Il-Kunsill kien ilu jokrob għal Triq President A Buttiġieġ iktar minn 7 snin. Nittamaw li l-Gvern jieħu ħsieb it-toroq li semmejna. | |
| 14. | 2 | 14 | 13.2.22 | Viċi-Sindku: Attivita' 03.12.13 | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-attivita' għal persuni b'diżabilita' saret u għaliha kien hemm attendenza tajba. Għaliha ingħatat Eur10 f'donazzjoni li ntefqgħu f'soft drinks għar-riċeviment. | Viċi-Sindku |
| 14. | 2 | 15 | 13.3.2 | Agius: Skema attivitajiet 2013-2014 | Agius staqsiet jekk l-applikazzjoni għar-rimbors ta' fondi għall-attivita Żejt iż-Żejtun daħlitx quddiem id-Dipartiment. Ir-risposta kienet fil-pożittiv. | Segretarjat |
| 14. | 2 | 16 | 13.3.7 | Caruana: Zebra crossing fi Triq Cachia Zammit | Caruana staqsa fhiex wasal ix-xogħol fuq iz-zebra crossing fi Triq Cachia Zammit. Is-Sindku spjega li x-xogħol beda iżda ser niktbu lil TM sabiex inkunu nafu meta x-xogħol ser jitlesta. | Sindku |
| 14. | 2 | 17 | 13.3.8 | Sindku: Żjara minn residenti ta' Celano | Is-Sindku irraporta ż-żjara li saret min-nies ta' Celano u urew ix-xewqa li l-Kunsill jorganizza mawra għal Celano. | Sindku |
| 14. | 2 | 18 | 13.3.10 | Agius: Ġbir ta' ħġieġ | **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb uffiċċjalment lil Greenpak dwar is-servizz ta' ġbir ta' ħġieġ li mhux sodisfaċenti.** | Agius |
| 14. | 2 | 19 | 13.3.11 | Agius: Problema ta' ħmieġ | Agius irrapurtat lill-Kunsill dwar ilmenti ta' ħmieġ fl-area ta' Bir id-Deheb. Is-Sindku spjega li issa l-Kunsill spiċċa bi 3 kenniesa. Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-eco wardens qed ikunu fil-lokalita'. Dan jista' jiġi konfermati minn persuni li ingħataw ċitazzjoni. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 14. | 2 | 20 | 13.3.14 | Sindku: Post Vakanti | Is-Sindku informa lill-Kunsill li saru l-intervisti għal post vakanti ta' Uffiċjal Eżekuttiv. Għall-intervisti attendew nies b'degree li huma validi. Jidher li nstabet il-persuna ideali. Fuq rakkomandazzjoni tal-bord ta' l-intervisti magħmul mis-Sindku, Viċi-Sindku, il-Kunsillieri Agius u Caruana flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, **il-Kunsill unanimament qabel li jimpjega lis-Sur Daniel Bezzina u jtih 6 xhur prova.** | Sindku |
| 14. | 2 | 21 | 13.6.1 | Agius: Child Care Centre | Il-Kunsilliera Agius staqsiet fhiex wasalna ma' l-FES dwar ic-Child Day Care Centre, Is-Sindku spjega li għadna qed nistennew risposta. | Sindku Agius |
| 14. | 2 | 22 | 13.9.1 | Agius: Ċerimonja - Titlu ta' belt | Agius staqsiet jekk ikun il-maltemp fejn ser issir iċ-ċerimonja ta' titlu ta' belt. Chircop wieġeb li din issir fis-Sala Mikiel Cachia ġewwa l-Kunsill Lokali. | Chircop |
| 14. | 2 | 23 | 13.9.2 | Hales: Parking fuq il-bankina fi Triq Dun Ġwann Tabone | Hales staqsa jekk it-talba sabiex isir parkeġġ fi Triq Dun Ġwann Tabone kinitx ġiet milqugħa. Is-Sindku spjega li m'hemmx bżonn ta' bankina peress li r-residenti qegħdin fuq in-naħa l-oħra tat-triq. | Sindku |
| 14. | 2 | 24 | 13.10.1 | Hales: Sinjali tat-Traffiku | Hales spjega lill-Kunsill li l-u turn f'Misraħ Carlo Diacono saret biex tikkumplimenta r-road markings. Is-sinjali tat-traffiku jsiru wara li jkunu ttieħdu l-pariri min-nies speċjalizzati f'dan il-qasam. | Hales |
| 14. | 2 | 25 | 13.10.3 | Agius: Kwotazzjoni ta' bibien | **Il-Kunsill approva li jsiru 3 bibien: tal-gym, tat-tribunal lokali u tac-CDCC, 2 fold mingħand is-Sur Alfred Baldacchino għal prezz ta' Eur1,000.** | Segretarjat |
| 14. | 2 | 26 | 13.10.5 | Chircop: Bolla ġdida | Chircop irringrazzja lill-Kunsillier Caruana għax-xiri ta' bolla ġdida bil-presepju mekkaniku ta' l-Istitut Ġesu' Nazzarenu. Din ser tinżamm fl-arkivji tal-Kunsill. Il-Kunsillier Caruana ser jagħti lill-Kunsill sett ta' kartolini li l-Maltapost ħarġet għall-ħaddiema tagħha. Il-Kunsilliera Agius irrimarkat li l-bolla li ħarġet hija żgħira wisq. Ser issir ilment mal-Maltapost dwar dan. | Chircop |
| 14. | 2 | 27 | 13.10.6 | Chircop: Kompetizzjoni 'L-Isbaħ Tieqa' | Chircop informa lill-Kunsill li saret il-kompetizzjoni għall-isbaħ tieqa u l-premijiet ser jingħataw waqt ir-reception li ser issir għada 19 ta' Diċembru. L-ewwel premju intrebaħ minn Leli Baldacchino, it-tieni minn Richard Cutajar u t-tielet minn John Axisa. | Chircop |
| 14. | 2 | 28 | 13.10.7 | Chricop: Reklami website tal-Kunsill | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li m'hemmx bżonn ta' bye law sabiex isiru reklami fuq il-website. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 14. | 2 | 29 | 13.10.8 | Hales: Ktieb Bijografija ta' Alexander Cachia Zammit | Hales qal li l-Kunsill ma ssemmiex fil-lista ta' ringrazzjamenti ta' dan il-ktieb, peress li l-ordni ma kinetx saret. | Camilleri |
| 14. | 2 | 30 | 13.10.15 | Caruana: Mera fi Triq Tal Barrani | Il-Kunsillier Caruana informa lill-Kunsill li TM waħħlet mera fi Triq Tal Barrani. | |
| 14. | 2 | 31 | 13.10.17 | Agius: Wirja ta' presepji | Agius irrapurtat lill-Kunsill li l-wirja tal-presepji saret. Dawk li ipparteċipaw ser jingħataw ċertifikat. | Agius |
| 14. | 2 | 32 | 13.10.18 | Agius: Attivita' Richmond Foundation | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li l-attivita' li kellha issir minn Richmond Foundation mhux ser issir iżda ser issir biss il-carwash. | Agius |
| 14. | 2 | 33 | 13.10.21 | Viċi-Sindku: Sleeping Policeman | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex issir sleeping policeman fi Triq Lvant. Il-Kunsill laqa' din it-talba peress li din it-triq hi dejqa. | Sindku |
| 14. | 2 | 34 | 13.10.22 | Viċi-Sindku: Spralli fi Triq Xatbet l-Andar | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-ispralli ta' Triq Xatbet l-Andar għadhom ma tnaddfux. | Sindku |
| 14. | 2 | 35 | 13.10.24 | Viċi-Sindku: Yellow Lines | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex isiru l-yellow lines fi Triq Dun Ġwann Farrugia filwaqt li l-yellow lines ta' Triq Vendome għadhom ma sarux. | Sindku |
| 14. | 2 | 36 | 13.10.27 | Viċi-Sindku: Ħofra fi Triq l-Emm Galea. | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-ħofra fi Triq Emm. Galea saret. | Sindku |

**14. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML14/13. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 14. 3. 1 | 01 | MEPA: PA3216/13 | **Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA sabiex jinżamm il-karattru ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 14. 3. 2 | 08 | DLG: Memo 31/2013 | Is-Sindku inkariga lill-Kunsillier Hales sabiex jara x'inhuma l-aħjar postijiet biex isiru l-karti ta' l-identita' ġodda. | Hales |
| 14. 3. 3 | 14 | AKL: Performing Rights Society | **Il-Kunsill approva l-ħlas annwali ta' Eur20 tal-Performing Rights Society.** | Segretarjat |
| 14. 3. 4 | 17 | DLG: Preżentazzjoni Immaniġjar ta' l-Iskart | Is-Sindku rrapporta lill-Kunsill il-preżentazzjoni li attenda għaliha dwar l-immaniġjar ta' l-iskart. Is-Sindku spjega li l-proposti l-ġodda u l-Kunsill qabel li jagħti risposta bil-perspettivi tiegħu. | Sindku |
| 14. 3. 5 | 18 | Għaqda Mużikali Beland: Beland Music Festival 2014 | **Il-Kunsill approva li l-Għaqda Mużikali Beland ittella' l-festival annwali tal-mużika bejn il-Ġimgħa 16 u l-Ġimgħa 23 ta' Mejju 2014 fi Triq Ħal Tarxien fil-parti industrijali ta' Bulebel.** | Sindku |
| 14. 3. 6 | 20 | Police Vice Squad: Laqgħa | **Il-Kunsill qabel li jitlob laqgħa mal-vice squad.** | Agius |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 14. 3. 7 | 21 | Perit R. Abela: Niċċa fi Triq Marsaxlokk | Il-Fondazzjoni Wirt iż-Żejtun laqa' it-talba tal-Kunsill sabiex isir ir-restawr tan-niċċa fi Triq M'Xlokk. Ser jitħejja rapport dwar ir-restawr mill-istess Fondazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika minn fondi li joħorġu minn żmien għall-ieħor. | Chircop |
| 14. 3. 8 | 22 | David Muscat: Tismija ta' toroq ġodda | Il-Kunsill innota li l-Bord tat-Tismija tat-Toroq approvat it-talbiet tal-Kunsill għal Misraħ Duminku Mintoff u Triq Karmenu Carabott. Ir-residenti li ser ikunu affettwati diġa' ġew infurmati. Is-Sindku talab sabiex isir reminder ieħor mal-Kurja dwar il-lapida li l-Kunsill qed jitlob li ssir mal-faċċata tal-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena. | Hales |

**14. 4.** **Ħlasijiet**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 14. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 13/13 | **Il-Kunsill approva nem.com li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 14. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 13/13 | **Il-Kunsill approva nem.com il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 13/13 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 14. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 13/13 | **Il-Kunsill approva nem.com il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 14. 4. 4 | | Petty Cash Novembru 2013 | **Il-Kunsill approva nem.con il-petty cash hekk kif preżentat għax-xahar ta' Novembru li jammonta għal Eur183.81** | Segretarjat |

**14. 5.** **Tenders**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 14. 5. 1 | | Sindku: Tender 01/13 Provvista ta' tarmak jew konkrit għal sqaqien | Is-Sindku ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill it-tliet offerti li ntefgħu. Il-kuntratturi huma Silvar Constructions, J&J Schembri u Philip Agius & Sons. Wara li l-Kunsill evalwa l-offerta, iddeċieda li jagħżel l-orħos offerta dik ta' J & J Schembri, kemm għal dik tat-tarmak u dik tal-konkrit. | Sindku |

**14. 6.** **Ġbir ta' skart Ġebel San Martin**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 14. 6. 1 | | Hales: Tneħħija ta' skips | Hales informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Ronald Bezzina ta parir li jitneħħew l-iskips ta' Ġebel San Martin u jsir ġbir ta' skart bieb bieb. Is-Sindku talab li issir konsultazzjoni man-nies tat-3 blokki ta' flats li jinsabu f'Ġebel San Martin. | Hales |

14. 7. Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 14. 7. 1 | | Hales | Hales talab lill-Kunsill jikkunsidra li tinħareġ kwotazzjoni għal manutenzjoni għal-latrini pubbliċi. Il-Kunsill qabel. | Hales |

14. 8. Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 14. 8. 1 | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Chircop | Il-Viċi-Sindku ipproponiet lill-Kunsill proposta tas-Sur Steve Borg li qed joffri lill-Kunsill pjanti mingħajr ħlas. Hales issuġġerixxa li dawn jitħawwlu fir-ring road peress li f'Ġebel San Martin ma jistax isir tħawwil fil-konki minħabba li hemm il-blat u m'hemmx ħamrija biżżejjed. Iż-Żwieten lesti li jikkontribwixxu fl-iskema ta' għoti ta' siġar Trees4U. | Hales |
| 14. 8. 2 | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Fenech | **Il-Kunsill qabel li jagħti rikonoxximent lis-Sur Elton Zarb u s-Sinj. Gillian Attard għall-unur li ġabu lejn Malta bil-ħidma tagħhom fil-kamp mużikali. Ser issir preżentazzjoni għada waqt il-festin tal-Milied.** | Chircop |
| 14. 8. 3 | | Proponent: Agius<br>Sekondant: Hales | **Il-Kunsill qabel li jagħti rikonoxximent lill-ex kunsilliera Elizabeth Willie Piscopo għall-kontribut li tat bħala kunsilliera. Il-preżentazzjoni ser issir għada waqt il-festin tal-Milied.** | Agius |
| 14. 8. 4 | | Chircop: Premju Bandist tas-Sena | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li t-Trofej Carlo Diacono intrebaħ minn Yanika Bonnici għan-naħa taż-Żejtun Band u Spiridione Caruana għan-naħa tal-Beland Band Club. Il-preżentazzjoni ser issir waqt il-Kunċert tal-Milied igifieri fit-30 ta' Diċembru. | Chircop |

**14. 9. Affarijiet Oħra hekk meqjusa urġenti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 14. 9. 1 | | Abela: Tarmak - Triq Dun Spir Grixti | Il-Kunsilliera Abela fakkret sabiex isir ftit tarmak taħt il-bankina fi Triq Dun Spir Grixti. | Sindku |
| 14. 9. 2 | | Hales: Xiri ta' coffee machine | **Il-Kunsill approva x-xiri ta' coffee machine ta' mhux aktar minn Eur140.** | Hales |
| 14. 9. 3 | | Viċi-Sindku: Bring in sites fid-Dar ta' l-Anzjani | Il-Viċi-Sindku fakkret sabiex isiru l-bring in sites fid-Dar ta' l-Anzjani. **Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Greenpak.** | Abela |
| 14. 9. 4 | | Chircop: Zebra Crossing fi Triq l-Isqof Emm. Galea | Il-Kunsillier Chircop talab li ssir sleeping policeman fi Triq l-Isqof Emm Galea ladarba ġiet miċħuda t-talba għal zebra crossing f'din it-triq. Il-Viċi-Sindku issuġġeriet li ssir roundabout. **Il-Kunsill qabel li jerġa' jikteb lill-TM u jitlob għal zebra crossing.** | Sindku |
| 14. 9. 5 | | Hales: Għoti ta' siġar | Il-Kunsillier Hales informa lill-Kunsill li ser issir għotja ta' siġar minn persuna. | Hales |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 14. 9. 6 | Chircop: Railing baxx | Il-Viċi-Sindku irrapurtat railing baxx bejn Blokk C u D. Is-Sindku ser imur fuq il-post. | Agius |
| 14. 9. 7 | Chircop: Sqaq Ħal Ġinwi | Il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzjoni dwar kwantita' ta' ilma li jżomm fi Sqaq Ħal Ġinwi Nru. 6. Is-Sindku qal li naraw x'jista' jsir. | Sindku |
| 14. 9. 8 | Chircop: Skart fi Triq l-Għannejja | Chircop ġibed l-attenzjoni dwar skart fi Triq l-Għannejja. Is-Sindku spjega li din tista' tissolva permezz ta' l-eco wardens. | Sindku |
| 14. 9. 9 | Chircop: Bankina fi Triq il-Qalb ta' Ġesu' | Il-Kunsillier Chircop staqsa jekk il-bankina li saret fi Triq il-Qalb ta' Ġesu' saritx mill-Kunsill. Ir-risposta kienet fil-pożittiv. | Sindku |
| 14. 9. 10 | Chircop: Studenti tas-Systems of Knowledge | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li grupp ta' studenti ser jibdew jiltaqgħu kull ħmistax nhar ta' Sibt fis-2pm fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat sabiex jagħmlu l-proġett tas-systems of knowledge. | Chircop |
| 14. 9. 11 | Chircop: Poeżija/Letteratura | Chircop informa lill-Kunsill li ser jieħu ħsieb li jinħarġu t-titli għal konkors letterarju u poeżiji. Dawk rebbieħa ser jittellgħu fuq il-website. Fuq il-website ser tittella' wkoll poeżija dwar il-Milied miktuba minn Andre' Mifsud. | Chircop |
| 14. 9. 12 | Chircop: Seminar Aġenzija Żgħażagħ | Chircop informa lill-Kunsill li attenda għal seminar mill-Aġenzija Żgħażagħ. | |
| 14. 9. 13 | Camilleri: Book Club | Il-Kunsillier Camilleri ressaq quddiem il-Kunsill talba ta' Emasif Fenech għal post fejn jiltaqa' grupp li jħobbu l-kotba bejn 6 u 12 -il persuna darba fix-xahar għal 8 xhur wara l-5.30pm. Ser issir laqgħa mas-Sindku. | Sindku Camilleri |
| 14. 9. 14 | Camilleri: Parking Bays | Il-Kunsillier Camilleri talab sabiex isiru l-parking bays ta' quddiem Blokk B u C f'Qasam Ta' Ganza. | Sindku |
| 14. 9. 15 | Camilleri: Skips bla għatu | Camilleri rraporta skips mingħajr għatu sabiex jiġu rranġati. | Hales |
| 14. 9. 16 | Camilleri: Triq l-Arċipriet Degabriele | Camilleri staqsa ta' min hi r-responsabbilta' ta' Triq l-Arċipriet Degabriele. Is-Sindku spjega li bil-liġi din it-triq taqa' taħt ir-responsabbilta' tagħna iżda din trid issir mill-ġdid mill-Gvern Ċentali peress li 75% minnha spiċċat. | |
| 14. 9. 17 | Camilleri: Laqgħat | Camilleri staqsa fejn ser jibdew isiru l-laqgħat tat-TCTC la darba jibda jiffunzjona c-CDCC. Is-Sindku spjega li l-laqgħat jistgħu jibdew isiru l-gym. | |
| 14. 9. 18 | Camilleri: Triq il-Kostituzzjoni | Camilleri talab lill-Kunsill jikkunsidra li Triq il-Kostituzzjoni ssir one way waqt il-ħin tal-mużew. Il-Kunsill laqa' din it-talba iżda ser jara kif tista' issir l-aħjar possibli. | Sindku |
| 14. 9. 19 | Camilleri: Żbir ta' siġar | Il-Kunsillier Camilleri rringrazzja lill-Kunsillier Hales taż-żbir ta' siġar li sar fl-iskola primarja. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 14. 9. 20 | Agius: Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li ser isiru dawn l-attivitajiet: 21.12.13 Party għat-Tfal, 27.12.13 Betlehem f'Għajnsielem, 28.12.13 Circus u Dinner Dance f'Jannar. Bejn it-23 u l-24 ta' Diċembru ser isir kant tal-Milied mit-Tfal ġewwa ż-Żejtun Home. | Agius |
| 14. 9. 21 | Agius: Rampi f'Qasam Ta' Ganza | Il-Kunsilliera Agius talbet il-Kunsill jara x'jista' jagħmel la darba tbiddlet is-sistema sabiex isiru r-rampi f'Qasam Ta' Ganza. | Sindku |
| 14. 9. 22 | Agius: Irranġar ta' gallariji f'Oqsma tal-Gvern | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li qed isir xogħol ta' irranġar ta' gallarji fl-Oqsma tal-Gvern. Hija qalet li l-Periti tal-Gvern qed jagħżlu liema jsiru u mhux il-Kunsill. Għaldaqstant ser ikunu nfurmati r-residenti. | Agius |
| 14. 9. 23 | Viċi-Sindku: Manutenzjoni fi Blokk C | Il-Viċi-Sindku rrapurtat timer mhux jaħdem fil-4th floor ta' Blokk C. Il-Kunsilliera Agius spjegat li l-manutenzjoni hi f'idejn l-amministrattur. | |
| 14. 9. 24 | Viċi-Sindku: Simenta | Il-Viċi-Sindku fakkret sabiex issir is-simenta fuq wara tad-Dar ta' l-Anzjani minn fejn joħorġu l-mejtin. | Sindku |
| 14. 9. 25 | Viċi-Sindku: Rampa wara l-Knisja Parrokkjali | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex issir rampa wara l-knisja fejn il-disabled parking. Is-Sindku qal li ser issir spezzjoni fuq il-post peress li diġa' hemm rampa oħra ftit iktar 'l bogħod. | Sindku |
| 14. 9. 26 | Viċi-Sindku: Bankina fi Triq il-Qadi | Il-Viċi-Sindku rrapurtat bankina mkissra fi Triq il-Qadi bejn 2 plots. | Sindku |
| 14. 9. 27 | Chircop: Bankina għolja fi Triq il-Qadi k/m Triq Marrubja | Il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar bankina għolja fi Triq il-Qadi k/m Triq Marrubja. | Sindku |
| 14. 9. 28 | Viċi-Sindku: Ringrazzjament | Il-Viċi-Sindku rringrazzjat lill-Kunsill għall-attendenza waqt il-funeral ta' Ġuża. | |
| 14. 9. 29 | Viċi-Sindku: Laqgħa | Il-Viċi-Sindku nfurmat lill-Kunsill li f'Novembru attendiet għal-laqgħa li dwarha ser jinħareġ booklet. | Viċi-Sindku |
| 14. 9. 30 | Viċi-Sindku: Attivita' ta' Dar Nazarett | **Il-Kunsill qabel li l-pubbliku ser ikun jista' jiġbor applikazzjoni biex jieħu sehem f'attivita' ta' Dar Nazzarett li ser issir fil-5 ta' Jannar 2014.** | Viċi-Sindku |
| 14. 9. 31 | Chircop: Trejqet Widnet il-Baħar | Il-Kunsillier Chircop irringrazzja lill-Kunsillier Hales talli twaħħlu t-tabelli tal-one-way ta' Trejqet Widnet il-Baħar. | |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.30pm. Laqgħa oħra tal-Kunsill Lokali ser issir nhar il-Ħamis 30 ta' Jannar, 2014 fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali fis-Sala Mikiel Cachia fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv